MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1527/2005

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Francesca Mamo ghan-nom ta' Waldorf Car Hire u l-istess assigurat taghha Francesca Mamo ghan-nom ta' Waldorf Car Hire**
**vs**
**Ronald Bezzina**

Numru
Talba Numru 1527/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi wara li ppremettew li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh gewwa s-Swieqi nhar it-23 ta' Lulju 2004, meta sehhet kollizjoni bejn il-vettura targata CBI-448 misjuqa mill-konvenut u l-vettura BBM-118 propjeta' tal-assigurata tas-socjeta` attrici u misjuqa minn Charles

Bezzina, talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas s-somma ta’ mitejn u disa’ liri Maltin u disa’ u sittin centezmu (LM 209.69) rapprezentanti danni sofferti mill-assigurata tas-socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc u li ghalihom kellha taghmel fronti s-societa` attrici taht polza tat-tip *comprehensive* u nkluz *excess* ta’ mitt liri (Lm 100) mhallsa mill-attur (dokumenti MSI 2 sa MSI 4) annessi u nkluz ukoll sbatax-il lira Maltin (LM 17) *Survey Fees* (dokument MSI 5). Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Jannar 2005 (MSI 6) u ta’ l-ittra ufficjali kontestwalment ipprezentata a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta (MSI 7) u b’l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Ronald Bezzina li permezz taghha qal li mhux minnu li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident automobilistiku in kwistjoni; la direttament u anqas u anqas indirettament. Jghid ukoll li fil-fatt huwa bl-ebda mod m’huwa responsabbli b’xi mod ghaliex ma kien huwa l-kawza tal-allegati danni tal-vettura BBM-118. Ghalhekk huwa m’ghandux ibati l-ebda spejjes legali.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema x-xhieda ta’ Kenneth Camilleri, PS500 John Giusti, Charles Anthony Attard Bezzina, Ronald Bezzina u Stefan Sciberras.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Din hija kawza ghal hlas ta’ danni kkawzati f’vettura propjeta ta’ l-attrici Francesca Mamo u misjuqa minn Charles Anthony Attard Bezzina b’numru ta’ registrazzjoni BBM-118 f’incident li sehh nhar it-23 ta’ Lulju 2004 fi Triq Sant’ Andrija Swieqi; il-vettura l-ohra nvoluta hija dik b’numru ta’ registrazzjoni CBI-884 propjeta` ta’, u misjuqa mill-konvenut.

Charles Anthony Attard Bezzina jsostni li dak inhar ta' l-incident huwa kien sejjer fid-direzzjoni ta' San Pawl wieqaf fuq it-*traffic lights* li hemm qabel it-triq li tghati ghal ta' l-Ibragg; kien hemm karozza ohra qablu. Hu kien qieghed fil-karreggjata tan-naha ta' barra. Meta qalbu d-dawl huwa bhall-vettura ta' qablu beda jsuq pero` wara ftit metri kellu jerga' jieqaf ghax kien hemm vettura li riedet taqsam it-triq ghal Pembroke. F'dan il-waqt huwa hass daqqa fil-vettura tieghu u ra l-vettura tal-konvenut li kienet ghaddejja fil-karreggjata ta' gewwa, ukoll sejra fid-direzzjoni ta' San Pawl. Il-konvenut ma waqafx ghalhekk Attard Bezzina malli seta' saq ghal wara l-konvenut sakemm gibidlu l-attenzjoni u dan waqaf. Il-hsara riskontrati fil-vettura misjuqa minn Attard Bezzina kienet fil-*mudguard* u l-bieba ta' quddiem man-naha tal-passiggier.

Il-konvenut jikkonferma li dak il-hin ta' l-incident huwa kien qed isuq il-vettura CBI-884 (li hija *floor sweeper* u tidher fir-ritratti RB1 sa RB5 a fol 41) fi Triq Sant' Andrija fid-direzzjoni ta' San Pawl u li kien qieghed fil-karreggjata ta' gewwa. F'xi hin waqaf fuq it-*traffic lights* li hemm qabel it-triq li taghti ghall ta' l-Ibragg; meta qalbu id-dwal hu rega saq u meta lahaq qabez il-Forum Hotel gibidlu l-attenzjoni Attard Bezzina u l-konvenut waqaf. Il-konvenut jghid li hu ma sema u hass xejn li seta' jindika li kien laqat il-vettura ta' l-attrici.

Minn dawn iz-zewg versjonijiet jidher li hemm qbil dwar il-fatt li z-zewg vetturi koncernati kienu it-tnejn fil-post ta' l-incident fl-istess hin. Hemm konferma ukoll tal-fatt li z-zewg vetturi kienu hemm it-tnejn (wahda fil-karreggjata ta' gewwa u l-ohra fil-karreggjata ta' barra) fil-mument meta t-*traffic lights* kienu homor u li meta qalbu d-dawl iz-zewg vetturi komplew fi triqithom bid-differenza li Attard Bezzina kellu jieqaf kwazi immedjatament meta l-konvenut kompla fi triqtu.

It-Tribunal huwa tal-fehma li dawn il-verzjonijiet m'humiex kontradittorji anzi, huma kompatibbli ma' xulxin u ma' kif probabilment graw il-fatti. Dan ghaliex tenut kont tan-natura "hafifa" tal-hsarat riskontrati fil-vettura ta' l-attrici min-naha, u tad-daqs u tip tal-vettura tal-konvenut min-

naha l-ohra, huwa probabbli li l-konvenut ma ndunax li huwa kien laqat il-vettura ta'l-attrici.

Id-divergenza tqum peress li l-konvenut qed jinnega li sehh l-incident. Pero` tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz it-Tribunal huwa konvint li ghalkemm ad insaputa tal-konvenut l-incident sehh kif qal Attard Bezzina ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi.

Dwar id-danni t-Tribunal jirrileva li ghalkemm fl-ewwel faccata ta' l-Avviz l-atturi ndikaw is-somma ta' tlett mija sitta u ghoxrin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm 326.69) bhala danni reklamati, fil-korp ta' l-Avviz is-somma mitluba hija ta' mitejn u disa' liri Maltin u disa' u sittin centezmu (LM 209.69).

Mix-xhieda ta' Kenneth Camilleri (a fol 23) jirrizulta li l-ammont korrett huwa dak ta' mitejn u disa' liri Maltin u disa' u sittin centezmu (LM 209.69); fl-istess xhieda jirrizulta ukoll x'jirraprezentaw dawn il-mitejn u disa' liri Maltin u disa' u sittin centezmu (LM 209.69).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u disa' u sittin centezmu (LM 209.69) bl-imghax mill-5 ta' Frar 2005 u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------